MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 307/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Aaron Privitera**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Aaron Privitera ta' 31 sena, iben Paul u Frances nee Azzopardi, imwieled Pieta fit-18 ta' Jannar 1975, residenti 129, Triq il-Liedna, Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 96575(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Ottubru 2006 u fix-xhur ta' qabel:

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) fil-fond bl-isem 129, Triq il-Liedna Fgura, cioe f’post abitat kellek fil-pussess tieghek jew taht il-kontroll tieghek, kwantita ta’ munizzjon calibru 0.22 (8 balal) minghajr licenzja mahruga f’ismek mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li pendenti dawn il-proceduri l-imputat ghamel programm fi hdan l-agenzija Caritas. L-ammont ta' munizzjon li kien fil-pussess ta' l-imputat kien minimu (8 balal calibru 0.22) u ghalhekk ghandu japplika il-proviso ta' l-Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat instab hati kemm-il darba ta' pussess ta' droga, u anke inghata l-liberta kondizzjonata u tpogga darbtejn taht Ordni ta' Probation, u ghalhekk ma jaghmilx sens li din il-Qorti terga' tpoggih taht Ordni ta' Probation iehor.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Dicembru 2011, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------